MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1160/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Mario Debattista (K.I. 399855M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tmien mija, hamsa u sebghin ewro w erbgha u erbghin centezmu (€875.44) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici a bazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (dokument 'A' ta' rendikont anness mat-talba) ghal servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat.

Illi l-intimat gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv izda dan baqa' inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li, permezz ta’ nota, s-socjeta’ attrici cediet l-atti tal-kawza in kwantu ghas-sorte izda zammet ferm l-ispejjez. It-Tribunal jirreleva li kien sar hlas da part tal-konvenut ghas-sorte.

Illi l-konvenut imsejjah tlett darbiet ghas-seduta tat-22 ta’ Ottubru, 2010 sabiex jiddefendi l-kap ta’ l-ispejjez baqa’ ma deherx.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-22 ta’ Ottubru, 2010 mill-Avukat Dr.Charlene Briffa u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’t-talba ghall-ispejjez bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------